MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2421/2002

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Etienne Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm191) rappresentanti danni ikkagjonati mill-konvenut fuq proprjeta tal-Korporazzjoni attrici fi Triq St.Patrick, Birzebbugia fil-5 ta' Novembru 1998

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm191), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------